MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 18/2003

**Carmel Pisani**

**vs**

**Av Dr Mark Busuttil LL.D. nominat b'digriet tas-6 ta' Frar, 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti George Miguel u b'nota tal-10 ta' Marzu, 2003, is-socjeta' Elmo Insurance Agency Limited accettat l-bandu tal-hatra bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-assenti George Miguel**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fis-6 ta' Jannar, 2003, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm226.00) jew somma verjuri li tigi stabbilita mit-Tribunal rapprezentanti danni kkawzati fil-vettura propjeta` tal-attrici meta fit-8 ta' Lulju, 2002 fi Triq ta' Nawciera, Qawra, il-konvenut li**

**kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAK-549, habat fil-vettura bin-nurmu ta' registrazzjoni BBB-371 tal-marka Rover propjeta` tal-attur liema vettura kienet ipparkeggjata, u dan prevja dikjarazzjoni li din il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ntavolata kontestwalment, u tal-ittra legali datata 12 ta' Novembru, 2002, bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata fis-17 ta' Frar, 2003 minn Dr Mark Busuttil fil-kwalita` tieghu premessa fejn intqal :**
**Illi l-esponent mhux edott mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni ;**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta prezentata fl-10 ta' Marzu, 2003, mis-socjeta` konvenuta fil-kwalita` taghha premessa fejn intqal :**
**i. Illi sa minn qabel saret din il-kawza, ma kien hemm ebda opposizzjoni da parti tal-konvenuti sabiex favur l-attur issir likwidazzjoni u hlas tad-danni minnu realment u attwalment subiti bhala konsegwenza diretta tal-incident in kwistjoni ;**
**ii. Illi sa minn qabel saret din il-kawza, il-kontestazzjoni tal-konvenuti kienet dwar il-quantum tad-danni li l-attur qed jippretendi. Fil-fatt id-danni attrici huma esagerati u jmorru ben oltre l-quantum tad-danni li l-attur realment u materjalment garrab bhala konsegwenza diretta tal-incident in esami. Ghalhekk bl-ammont li qed ikun pretiz, l-attur qed jonqos fl-obbligu tieghu li jimmitiga d-danni tieghu.**
**iii. Fil-kaz li tirrizulta fondata l-eccezzjoni precedenti l-eccipjenti m'ghandhomx ibatu spejjez gudizzjarji u fl-istess waqt l-imghax legali ghandu jiddekorri mid-data tas-sentenza ;**
**Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Pisani, Joseph Zammit, Anthony Savona, John Cassar, PC1267 Andrea Cassar. Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Mill-provi mismugha, jirrizulta li l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtet il-vettura parkeggjata tal-attur. Dana gara fi triq Nawciera, Il-Qawra fit-8 ta' Lulju, 2002.**

**2. Jirrizulta li fid-29 ta' Gunju, 2002, l-attur kellu incident iehor li ghalih kien jahti hu. F'dak l-incident l-assikurazzjoni tieghu, Fogg Insurance, skond ma xehed Anthony Savona in rappresentanza ta' l-istess. Kienet hallset hames mija u tmintax-il lira u tmienja u erbghin centezmu (Lm518.48) bhala danni li sofra it-*third party*. Jirrizulta li f'dak l-incident it-*third party* sofra danni sostanzjali fuq wara, filwaqt li l-attur kien garrab danni fuq quddiem.**

**3. It-Tribunal ma jinsab xejn konvint li bhala rizultat ta' dik il-kollizzjoni bid-danni li garrab it-third party, id-danni li kellu l-attur kienu biss fis-somma ta cira erbgha u sebghin lira kif indikat mir-ricevuti Dok.X u Y esebiti.**

**4. Fil-fatt is-surveyor tal-Elmo Insurance xehed li l-vettura tal-konvenut ma kellha ebda hsarat, u li l-kaz ma kienx ta' daqqa izda biss li l-karrozza tal-attur serrhet ma' tal-konvenut.**

**5. PC 1267 Andrea Cassar jikkonferma li : »…..il-Hyundai (tal-konvenut) ma kelliex hsara u lanqas il-Metro (tal-attur) ma kellha hsara. Jiena dan rajtu vizwalment. »**

**6. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ghandu dubbji serji u fondati dwar kemm it-tiswijiet li dwarhom qed jirreklama l-attur, huma fil-fatt konsegwenza totali tal-fatt li l-konvenut habat ftit mal-vettura tal-attur waqt li kien parkeggjat. It-Tribunal fic-cirkostanzi qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata dwar li l-quantum tad-danni mitluba huwa esagerat. Fic-cirkostanzi, arbitrio boni viri qed jalloka lill-attur is- somma ta' hamsin lira bhala danni subiti konsegwenza tal-impatt.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh, jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin lira (Lm50.00) bl-imghaxijiet li jibdew jiddekorru mill-lum, u bl-ispejjez kontra l-attur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------